MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 362/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Vince Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Vince Abela talli fl-10 ta’ Gunju 2010 ghal-habta ta’ 15:00hrs gewwa Triq Correa Hal-Qormi:

(1) gestixxa attivita` kummercjali li tinkludi bejgh f’xi parti minn triq u kellu vetturi BAU 202, GBI 142, CBN 797, GAA 834, BBQ 393, EVO 024, DAA 079, ABN 876 u CRN 086 ipparkjati f’post pubbliku esposti ghal bejgh billi kellhom tabella bil-kliem indikat ‘Pajsu Auto Dealer’ bil-mobile no 79907711;

(2) volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubbliku b'ghajjat u glied;

(3) ingurja u hedded jew ghamel offiza fuq persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi mis-servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(4) sar recidiv b'sentenza moghtija lilu mill-Magistrat S Demicoli fit-23 ta' Marzu 2010.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra l-piena tinghata sospensjoni tal-licenzja ghall-bejgh tal-vetturi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Lulju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Vince Abela hati tar-raba' imputazzjoni izda sabitu hati ta' l-ewwel tliet imputazzjonijiet u, wara li rat Item 05 tat-Tieni Skeda ta' l-Avviz Legali 1/2006 u l-artikoli 338(dd) u 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu €450 multa dwar l-ewwel imputazzjoni, €58.23 ammenda dwar it-tieni imputazzjoni u €58.23 ammenda dwar it-tielet imputazzjoni. Inoltre bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rabtitu b'obbligazzjoni personali ta' €500 li jzomm il-kwiet ma' P.S. 372 u P.C. 1316 u li jzomm il-bon ordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena mid-data tas-sentenza appellata. Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssospendiet il-licenzja ghall-bejgh tal-vetturi ghal zmien ghaxart ijiem mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Vincent Abela pprezentat fil-5 ta' Awwissu 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (1) tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti liberatorja u thassarha fejn sabitu hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u tilliberah skond il-ligi; (2) f'kaz li ma jigix milqugh dan l-appell, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta ghall-kaz odjern, specjalment fejn l-ewwel Qorti ordnat is-

sospensjoni tal-licenzja ghall-bejgh tal-vetturi stante li dana huwa l-uniku mezz ta’ ghixien tal-appellant;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti m’ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti. F’dan il-kaz hemm zewg verzjonijiet, dik ta’ P.S. 372 u dik ta’ l-appellant korroborata mix-xhieda tieghu. Huwa principju tal-ligi kriminali li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha minghajr dubju ragjonevoli; verzjoni li hija piu` che korroborata u li tikkonfliggi ma’ verzjoni ohra ma tammontax ghal prova li ma tqajjimx xi dubju ragjonevoli. L-appellant jirreferi ghal dak li xehed P.S. 372 fis-sens li hareg hu biss mill-vettura, li qatt ma sfida lill-appellant u qatt ma mbuttah minn sidru, mentri l-appellant u x-xhieda minnu prodotti jghidu li z-zewg pulizija hargu mill-karozza u li P.S. 372 qabad jghajjar lill-appellant “pulcinell”, filwaqt illi hu l-appellant u l-klijent tieghu qalu li sahansitra kellhom izommu lil P.S. 372. L-appellant jirreferi wkoll ghas-sentenza ta’ din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Spiteri** moghtija fil-5 ta’ Lulju 2002 dwar il-prova permezz ta’ prova indizzjarja; (2) li l-ewwel Qorti m’ghamlitx interpretazzjoni tajba ta’ l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, u jirreferi ghas-sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Monica Pullicino**. L-appellant jghid li m’hemmx *breach of the peace* minn min jiddefendi ruhu. Jirreferi wkoll ghas-sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Abela u Sant** li qalet li s-sempli argumentar b’lehen gholi u xi ftit b’eccitazzjoni ma jiksirx il-ligi. L-appellant jghid li huwa qatt ma ghamel att volontarju li jirrizulta fi ksur ta’ l-artikolu 338(dd) imsemmi izda semmai huwa rreagixxa ghall-provokazzjoni ta’ P.S. 372. Inoltre huwa qatt ma hedded jew ingurja jew ghajjar lill-Pulizija. Skond l-appellant, l-

inkwiet u thassib tqanqal fih minhabba l-agir ta’ P.S. 372 u mhux bil-kuntrarju; (3) li l-ewwel Qorti m’ghamlitx interpretazzjoni tajba ta’ Item 05 tat-Tieni Skeda ta’ l-Avviz Legali 1/2006 fir-rigward ta’ l-ewwel imputazzjoni. Kif jirrizulta mill-provi, l-appellant ma kellu ebda sinjal li jindika li l-kliem “ghall-bejgh” kienu ndikati fuq il-vetturi in kwistjoni. Barra minn hekk, skond l-appellant, mill-provi hareg car li huwa ma kellux l-intenzjoni li jbiegh il-vetturi jew li jiggestixxi attivita` kummercjali fil-hin in kwistjoni izda kien semplicement hareg il-vetturi minn garaxx biex iqeghdhom f’garaxx iehor. Minbarra li hemm dubju ragjonevoli jekk ir-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni sehhx, l-istess reat jirrikjedi intenzjoni, liema intenzjoni hija inezistenti.

Dan l-appell jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi, apprezzament li din il-Qorti ghamlet wara li ezaminat id-dokumenti esibiti quddiem l-ewwel Qorti u semghet il-provi mill-gdid. Tirrimarka wkoll, in vista tal-fatt illi l-appellant jattira l-attenzjoni tal-Qorti ghall-konflitt li hemm fil-verzjonijiet, illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, “mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f’kaz ta’ konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f’hiex ser temmnu jew ma temmnux”.

Issa, mill-provi jirrizulta l-ewwelnett illi l-appellant igestixxi negozju bhala *auto-dealer* taht l-isem “Pajsu”. Fl-10 ta’ Gunju 2010 P.S. 372 u P.C. 1316 P. Agius kienu qed jaghmlu ronda bil-karozza tas-servizz u go Triq Correa, Hal-Qormi, ezatt quddiem il-Pajsu Auto-Dealer kien hemm karozza wieqfa f’nofs it-triq bix-xufier go fiha jitkellem ma’ l-appellant. L-appellant jghid li kienu qed jitkellmu biex ipartatlu l-karozza. Sa hawn ix-xhieda ma jikkontradixxux lil xulxin. Lanqas ma hu kontradett illi l-appellant kellu numru ta’ karozzi pparkjati li kellhom fuqhom tabella bl-isem “Pajsu” – kif jidher mir-ritratti esebiti a fol 6 sa 8 – u indikazzjonijiet ohra bhal “full extras”, “diesel”, “petrol”, “automatic” u numru ta’ *mobile*.

L-appellant jghid illi dawn il-karozzi kienu barra ghax kien se jaqlibhom minn garaxx ghall-iehor sabiex ma jhallix l-istess karozzi dejjem go l-istess post. Jghid li huwa kien se jaqlibhom qabel ma jaghlaq izda marrulu ta' l-ADT u ghalhekk dam naqra. Hu l-appellant Darren Abela qal li jghin lil huh biex ibiddel il-karozzi u meta johorguhom barra jhalluhom bit-tabelli ghax ma jdumux hemmhekk.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, filwaqt illi m'ghandhiex ghalfejn ma temminx lill-appellant illi jaqleb il-karozzi minn garaxx ghall-iehor, ma tqisx verosimili illi l-karozzi kollha li sabu l-Pulizija fit-triq bit-tabelli ta' l-appellant kienu qeghdin hemm ghax sabuh fl-istadju li kien qieghed jaqlibhom. Hekk, per ezempju, minn ritratt li jinsab a fol. 8 tirrizulta karozza bis-*sun screen*. Jekk verament kienu qeghdin jaqilbu l-karozzi minn garaxx ghall-iehor, zgur ma kinux ihallu *sun-screen* ghax bih il-karozza ma tistax tinsaq. Fit-triq kien hemm disa' karozzi bit-tabelli ta' l-appellant; mhuwiex kredibbli illi kienu se jaqilbu disa' karozzi fl-istess operazzjoni.

L-appellant isostni illi ma kien hemm xejn x'jindika li kellu l-intenzjoni li jbiegh dawn il-karozzi fil-hin in kwistjoni. Issa, il-partita 05 tat-Tieni Skeda ta' l-Avviz Legali 1 tas-sena 2006 tipprovdi: **"Meta l-attivita` kummercali tinkludi l-bejgh jew it-tiswija ta' vetturi, ebda vettura ma ghandha tintwera ghall-bejgh, ghat-tiswija jew inkella tinhasel f'xi parti mit-triq. L-ebda vettura, tkun ta' xi tkun it-tip, kummercjali jew le, gdida jew uzata ma tista' tkun ipparkjata f'post pubbliku ghal hsieb li tkun esposta ghall-bejgh tal-vettura, immarkata bil-kliem "ghall-bejgh" <u>jew kull kliem li jindikaw l-intenzjoni </u>-ndikata hawn qabel"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Huwa minnu li l-appellant ma kellux il-kliem "ghall-bejgh" fuq il-karozzi izda l-indikazzjonijiet li kien hemm fuq it-tabelli kienu sufficjenti biex kull min jarahom jifhem li dawn kienu ghall-bejgh. Kien hemm l-isem ta' l-*auto-dealer* (Pajsu), f'uhud minnhom in-numru tal-*mobile* (79907711) u indikazzjoni partikolari ta' x'tip ta' karozzi kienu (petrol, diesel, automatic, ecc.). Din il-Qorti ma tistax imbaghad ma tirreferix ghas-segwenti mistoqsijiet u twegibiet waqt

ix-xiehda ta' l-appellant:

"Dr. Grima: Dawk il-karozzi ghall-bejgh kienu?
Xhud: Gol-garaxx iva.
Dr. Grima: Hemm barra le?
Xhud: Hemm barra le, jien gol-garaxx. Fil-fatt dik lanqas hi automatic, dik manual.
Qorti: Mela kieku gejt jiena sibt karozza hekk barra fit-triq tghidli le mhix ghall-bejgh?
Xhud: Nghidlek ghall-bejgh, imma jiena ma nbieghx minn hemm ghax haslet kienet barra hu. Imbaghad mhux ha nitlef negozju jiena ma qed naghmel xejn kontra l-ligi."

Minn dan kollu huwa evidenti illi l-karozzi in kwistjoni evidentement kienu esposti ghall-bejgh, u li l-ewwel Qorti korrettement sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni.

Kwantu ghall-imputazzjonijiet l-ohra dak li jirrizulta u li din il-Qorti tqis verosimili hu li l-appellant beda jghajjat ma' P.S. 372 Jurgen Vella ghax allega li l-Pulizija kienu tellfulu negozju u kompla jghajjat mieghu meta kien sejjer jiehu t-tabelli minn fuq il-vetturi pparkjati fit-triq u jimpedieh milli jmur jigborhom. Pero` P.S. 372 stess jghid li l-appellant ma heddux, ma ingurjahx u lanqas ma messu. Skond l-appellant, P.S. 372 nizel mill-karozza b'arroganza kbira, jghajjat, jghajru "pulcinell", jimbuttah b'sidru u jiccelingjah ghall-glied. Fil-fehma ta' din il-Qorti, jekk kien hemm xi konfrontazzjoni ma' P.S. 372 dan kien dovut solitament ghar-rabja li kien qieghed jesterna l-appellant, b'mod volontarju – u ghalhekk fit-termini ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, ghax il-Pulizija kienu qed jaghmlu d-dover taghhom. Ghalhekk, filwaqt illi t-tieni imputazzjoni tirrizulta, it-tielet imputazzjoni ma tirrizultax.

Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti tosserva illi l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' "multa" ta' €450. Issa, skond ir-regolament 53 ta' l-Avviz Legali 1 tas-sena 2006, kull min jikser xi disposizzjoni tar-regolamenti fl-imsemmi Avviz Legali jkun hati ta' reat u jehel, meta jinsab hati, l-istess pieni bhal dawk stabbiliti taht l-artikolu 18 tal-Kap. 441. Skond l-artikolu 18(a) tal-Kap. 441,

persuna li tinsab hatja ghall-ewwel darba tehel ammenda ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) imma ta' mhux izjed minn elf u mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69). Mela l-ewwel Qorti ma setghetx tikkundanna lill-appellant ghall-hlas ta' multa izda ta' ammenda. Dan ifisser illi fir-rigward tal-pieni ghall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet huwa applikabbli l-artikolu 17(f) tal-Kodici Kriminali li permezz tieghu l-appellant irid jehel il-piena ta' l-oghla ammenda b'zieda ta' nofs l-ammenda l-ohra. Ghalhekk il-piena pekunjarja komplessiva f'dan il-kaz trid tigi ridimensjonata.

Kwantu ghas-sospensjoni tal-licenzja, din il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 20 tal-Kap. 441 li jipprovdi: **"Fil-kaz ta' persuna li tkun qed tiggestixxi xi attività kummercjali minn xi post kummercjali minghajr licenza jew fil-kaz tat-tieni reat jew ta' reat susseqwenti ghal xi kontravvenzjoni li ssir minn persuna li tkun qed twettaq xi attività kummercjali bis-sahha ta' licenza mahruga mill-awtorità regolatorja, f'dak li ghandu x'jaqsam ma' l-esercizzju ta' dik l-attività kummercjali, il-qorti jkollha s-setgha li thassar il-licenza, jew inkella tissospendiha ghal xi zmien, fid-diskrezzjoni taghha"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Peress illi l-appellant gie lliberat mill-ewwel Qorti mill-addebitu tar-recidiva, din il-Qorti sejra thassar l-ordni ta' sospensjoni tal-licenzja tal-kummerc.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah, tirrevokaha in kwantu kkundannatu multa ta' €450 ghall-ewwel imputazzjoni u ammenda ta' €58.23 ghat-tieni imputazzjoni u minflok tikkundannah ghal ammenda komplessiva ta' €479.12[1], tirrevokaha in kwantu ordnat is-sospensjoni tal-licenzja ghall-bejgh tal-vetturi ghal zmien ghaxart ijiem mid-data tas-sentenza

[1] €450 + (1/2 x €58.23).

appellata, u tikkonfermaha fil-bqija, b'dan li ghall-finijiet ta' l-obbligazzjoni a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, taghmel tajjeb l-obbligazzjoni hawn annessa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------